

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16983/24

ELARG 189
COWEB 218
COEST 750

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir kif approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2024.

KUNSILL AFFARIJJIET ĠENERALI

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR

1. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2024 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE li tinkludi r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, it-Turkija, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem: il-Moldova) u l-Georgia.
2. Il-Kunsill jirriafferma l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir f'konformità mal-**kunsens imġedded** dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006, konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, u l-**Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 ta' Ġunju 2024**. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen, il-Kunsill jirriafferma l-ħtieġa għal kundizzjonalità ġusta u rigoruża, il-prinċipju tal-merti proprji u r-riversibbiltà. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda. Filwaqt li jilqa' l-fatt li hemm dinamiżmu ġdid fil-proċess tat-tkabbir, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li s-sħab jassumu s-sjieda u juru l-kredibbiltà tal-impenji u r-rieda politika tagħhom permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u progress tanġibbli dwar l-aspetti fundamentali.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. It-tkabbir huwa **investment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità**. Huwa motivatur għat-tiġib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali ta' ċittadini Ewropej, għattnaqqs tad-disparitajiet bejn il-pajjiżi u jeħtieġ li jrawwem il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. It-tkabbir tal-UE ser iġib benefiċċji soċjoekonomiċi estensivi għall-membri attwali u futuri tagħha. B'ħarsa 'l quddiem lejn il-prospett ta' Unjoni akbar, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri futuri jeħtieġ li jkunu lesti. Jeħtieġ li l-membri aspiranti jżidu l-isforzi tagħhom ta' riforma, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, skont in-natura meritokratika tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE. B'mod parallel, jeħtieġ li l-UE tħejji l-bażi u r-riformi interni meħtieġa, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Granada. Dan ser isahha lill-UE u jżid is-sovranià Ewropea.
4. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tissottolinja l-importanza tat-tkabbir bħala prijorità strateġika għall-UE. Il-Kunsill **jirriaferma** l-impenn sħiħ u inekwivoku tiegħu għall-**perspettiva ta' sħubija fl-UE tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna u -Moldova**. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'ħafna oqsma ta' interess komuni. Il-Kunsill ifakkar li l-linja ta' azzjoni meħuda mill-gvern tal-Georgia tipperikola l-perkors Ewropew tal-Georgia, u de facto twassal għal waqfien tal-proċess ta' adeżjoni, itenni s-solidarjetà soda tal-UE mal-poplu Georgjan u r-rieda tagħha li tkompli tappoġġa lill-Georgjani fil-perkors Ewropew tagħhom, u jesprimi dispaċir għad-dikjarazzjoni reċenti tal-gvern tal-Georgia dwar is-sospensjoni tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE sal-2028.
5. Ir-rispett u l-impenn għall-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, u l-issodisfar tal-obbligi meħtieġa għas-sħubija fl-UE, ikomplu jkunu essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw li jissieħbu. Kisbiet ta' riforma sostnuti u irriversibbli dwar l-**elementi fundamentali**, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-amministrazzjoni pubblika u l-kriterji ekonomiċi jkomplu jkunu l-punti ta' riferiment ewlenin li abbażi tagħhom jiġi vvalutat il-progress lejn is-sħubija fl-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dawn l-oqsma għandhom jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità.

6. Il-Kunsill itenni li l-**istat tad-dritt** huwa fost il-valuri fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE, aspett kruċjali tat-trasformazzjoni demokratika, u rekwiżit indispensabbli għall-progress lejn is-sħubija fl-UE.
7. Il-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** tinsab fil-qalba tal-valuri tal-UE. Il-Kunsill ser ikompli jimmonitorja mill-qrib il-progress tas-sħab f'dan il-qasam u jfakkar li miżuri kredibbli biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet irrapportati huma prijorità ġenerali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza partikolari li jiġu rispettati d-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u t-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali. Rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Kunsill itenni li l-hteġa li jiġu żgurati l-emanċipazzjoni u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill ifakkar li l-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu huma pilastru ewlenin ta' soċjetà demokratika li jeħtieġ jiġu żgurati mis-sħab aspiranti. L-iżgurar ta' ambjent abilitanti u rwol aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż fil-proċess ta' riforma jibqgħu wkoll elementi essenzjali ta' demokrazija li tiffunzjona tajjeb. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex jindirizzaw b'mod urġenti n-nuqqasijiet irrapportati, b'attenzjoni speċjali biex jiġu indirizzati kwistjonijiet sistemiċi nnotati mill-Kummissjoni.
8. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li s-sħab jeħtieġ jagħmlu progress sostenibbli fir-**riforma** komprensiva **tal-ġustizzja, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż id-deoligarkizzazzjoni, u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. L-istabbiliment ta' implimentazzjoni soda tar-riformi u rekords sostnuti f'dawn l-oqsma kritiċi jibqa' essenzjali.
9. Fil-Balkani tal-Punent, **ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali** jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jinnota li għadhom meħtieġa sforzi deċiżivi biex jitrawmu **r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali**. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lis-sħab biex isolvu t-tilwim u l-kwistjonijiet bilaterali bejniethom li għandhom l-għerqu tagħhom fil-legat tal-passat, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni.

10. Tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-politika barranija jibqa' ta' importanza kruċjali, u l-Kunsill jistenna li s-sħab jallinja ruħhom kompletament mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni** tal-UE (PESK), inkluż miżuri restrittivi, aspett ewlieni tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE u espressjoni b'saħħitha tal-għażla strateġika u l-post ta' sieħeb f'komunità ta' valuri. L-UE tkompli tappoġġa lis-sħab u tipprovdi assistenza b'mod partikolari lil dawk allinjati bis-sħiħ. Il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, inkluż dawk adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, tibqa' ta' importanza kbira. Il-Kunsill jilqa' l-impenn kontinwu tas-sħab għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE, inkluż il-kontribut mill-maġġoranza għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE.
11. Il-ġlieda kontra l-isfidi tat-**theddud ibridu** hija prijorità ewlenija. L-UE hija impenjata li tkompli tapprofondixxi l-kooperazzjoni mas-sħab, fost l-oħrajn dwar il-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni. L-UE qed tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled in-narrattivi foloz tar-Russja u d-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
12. Il-ġlieda kontra **t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata** tibqa' essenzjali. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli japprofondixxi l-kooperazzjoni b'suċċess mas-sħab f'dawn l-oqsma.
13. Il-**migrazzjoni irregolari** tibqa' sfida ewlenija li teħtieġ li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ikomplu mas-sħab kollha. Il-Kunsill ifaħħar għal darb'oħra lis-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom, u lit-Turkija għat-tkomplija tal-isforzi tagħha biex tospita waħda mill-ikbar popolazzjonijiet ta' refuġjati fid-dinja.
14. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza kruċjali li s-sħab jallinjaw il-**politiki** tagħhom **dwar il-viżi** mal-UE.

15. Il-Kunsill jistenna li s-sħab kollha **jikkomunikaw** b'mod ċar u regolament lill-popolazzjonijiet tagħhom il-benefiċċji u l-obbligi li jirriżultaw mill-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-UE, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri tal-UE u r-riformi meħtieġa. Fl-istess ħin, l-UE ser issaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tagħha dwar il-proċess ta' tkabbir.
16. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-biċċa l-kbira tal-ekonomiji tas-sħab urew reżiljenza sinifikanti minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna. Huwa importanti li s-sħab jaċċelleraw ir-riformi strutturali meħtieġa għal tkabbir sostenibbli u jagħmlu progress biex jissodisfaw il-kriterji ekonomiċi għas-sħubija fl-UE.
17. L-UE ser tkompli testendi **l-appoġġ** tagħha fil-livelli kollha għat-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali ta' membri futuri aspiranti, abbażi ta' progress tanġibbli fl-istat tad-dritt u r-riformi soċjoekonomiċi, kif ukoll fuq l-aderenza tas-sħab mal-valuri, ir-regoli u l-istandards tal-UE. L-UE ser tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja sostanzjali lis-sħab, permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), kif ukoll assistenza teknika, b'mod partikolari permezz tal-Ġemellaġġ u t-TAIEX.
18. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jqarreb lis-sħab lejn l-UE, iwitti t-triq għall-adeżjoni, u jgħib benefiċċji konkreti liċ-ċittadini tagħhom diġà matul il-proċess ta' tkabbir. Il-Kunsill jilqa' l-progress li nkiseb fl-integrazzjoni gradwali matul is-sena li għaddiet. Il-Kunsill ser ikompli jħeġġeġ avvanz ulterjuri fl-**integrazzjoni gradwali** b'mod reversibbli u bbażat fuq il-mertu, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2022 u l-2023 u abbażi tal-metodoloġija tat-tkabbir riveduta. L-integrazzjoni gradwali tibqa' soġġetta għall-allinjament rilevanti tal-*acquis* tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-istrumenti legali eżistenti. Filwaqt li jibni fuq il-progress miksub s'issa, il-Kunsill jistenna b'interess li jeżamina aktar proposti mill-Kummissjoni.

19. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent u l-Faċilità għall-Ukrajna**, li jinsabu fit-triq it-tajba biex iwasslu appoġġ finanzjarju u assistenza għar-riforma mingħajr preċedent. Il-Kunsill jilqa' l-Aġendi ta' Riforma u l-Pjan għall-Ukrajna ambizzjużi li s-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-Ukrajna adottaw rispettivament u jfakkar li l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi speċifikati fihom tiddetermina l-pagamenti. Il-Kunsill jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ġdid ta' Tkabbir għall-Moldova u l-adozzjoni rapida tal-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kunsill għall-proposta dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Moldova bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku mill-aktar fis possibbli.

IL-MONTENEGRO

20. Il-Kunsill jilqa' r-riżultati pożittivi ħafna dwar it-twettiq tal-impenji ta' riforma li ilhom jeżistu. Il-Kunsill ifaħħar l-**objettiv** tal-gvern li jkompli l-avvanzi rapidi tal-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn l-UE u jħeġġeġ lill-forzi politiċi kollha biex isegwu l-pjan ambizzjuż tagħhom biex jingħalqu n-negozjati tal-adeżjoni.
21. Il-Kunsill jilqa' l-**progress tajjeb** li sar s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, bi 33 kapitolu skrinjat miftuħa u sitt kapitolu magħluqa proviżorjament. Il-Kunsill ifaħħar b'mod partikolari lill-Montenegro talli, b'mod ġenerali, laħaq il-parametri referenzjarji intermedjarji tal-kapitolu 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt: pass importanti li jimmarka l-bidu ta' fażi ġdida u finali fin-negozjati tal-adeżjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro biex jipproċedi malajr għall-implimentazzjoni tal-parametru referenzjarju għall-għeluq għall-kapitolu 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt. Il-Kunsill jilqa' l-għeluq proviżorju reċenti ta' tliet kapitolu u jistenna b'interess li jkun jista' jagħlaq proviżorjament aktar kapitolu mill-aktar fis possibbli, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet. Dment li l-Montenegro jżomm il-progress sod tiegħu fir-riforma u jwettaq ir-riformi meħtieġa, il-Kunsill jinsab lest li jibda fi żmien debitu t-tħejjijiet għall-abbozzar tat-trattat ta' adeżjoni.

22. Il-Kunsill jilqa' l-progress tal-Montenegro lejn ir-restawr tal-**funzjonament tal-korpi ġudizzjarji ewlenin**, għall-aċċellerazzjoni u l-approfondiment tal-implimentazzjoni tar-riformi ġudizzjarji ewlenin, l-adozzjoni ta' qafas strateġiku ġdid, u l-finalizzazzjoni ta' għadd ta' ħatriet ġudizzjarji pendenti, permezz ta' proċeduri trasparenti u bbażati fuq il-mertu. Dawn il-miżuri jgħinu biex jittejbu l-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità, l-integrità, l-effiċjenza u l-professjonaliżmu tas-sistema ġudizzjarja. Il-Kunsill jilqa' l-ħatra ta' President permanenti ġdid tal-Qorti Suprema.
23. Il-Kunsill **jilqa' l-progress tajjeb** u jhegġegħ lill-Montenegro biex ikompli bl-isforzi ta' riforma tiegħu, b'mod partikolari f'oqsma kruċjali bħal-libertà tal-espressjoni u l-media, inkluż il-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-**ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**, u r-riformi tal-amministrazzjoni pubblika. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li l-Montenegro jtejjeb ir-rekord tiegħu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali, u ta' sekwestru u konfiska ta' assi kriminali, inkluż fil-livell għoli. Il-Montenegro għandu wkoll jagħmel progress fuq riforma elettorali komprensiva, li tinkludi l-emendar tal-liġi tiegħu dwar il-finanzjament ta' entitajiet politiċi biex jagħmilha konformi mal-istandards Ewropej, filwaqt li jiżgura l-indipendenza tal-kummissjoni elettorali u t-trasparenza tar-reġistru tal-votanti.
24. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress tajjeb li sar fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal allinjament sħiħ mal-**politika tal-UE dwar il-viżi** u tisħiħ tal-kapaċità tiegħu ta' kontroll tal-fruntieri.
25. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-irkupru qawwi u t-tkabbir kostanti tal-ekonomija, l-istabbiltà tas-setturi bankarji u finanzjarji u t-titjib fis-suq tax-xogħol. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Montenegro jimplimenta r-riformi strutturali meħtieġa, u, fost l-oħrajn, inaqas id-dejn pubbliku u jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-governanza fiskali u t-trasparenza.

26. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
27. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija, u l-allinjament sħiħ, sod u fit-tul tiegħu mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn l-UE. Huwa jilqa' bl-istess mod il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

IS-SERBJA

28. Filwaqt li jilqa' l-fatt li s-Serbja affermat mill-ġdid l-integrazzjoni tal-UE bħala l-għan strateġiku tagħha, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li s-Serbja turi rieda politika qawwija u konsistenza fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE kif ukoll li tikkomunika b'mod oġġettiv u mingħajr ambigwità dwar l-UE.
29. Il-Kunsill jilqa' l-**progress ġenerali** li sar sa issa fin-negozjati tal-adeżjoni, fejn minn 35 kapitoli ta' negozjar infetħu 22, u żewġ kapitoli nġhalqu proviżorjament. Il-Kunsill ifakkar li l-progress tas-Serbja dwar l-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo ser ikompli jiddetermina r-ritmu ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.
30. Il-Kunsill ihegġegħ lis-Serbja biex turi aktar **rieda politika** billi tkompli taċċellera r-riformi u tagħti riżultati konkreti u tanġibbli dwar l-**elementi fondamentali**, b'mod partikolari billi tkompli tiffoka fuq l-issodisfar tal-parametri referenzjarji intermedjarji tal-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-adozzjoni tal-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni u l-liġijiet sekondarji għal-liġijiet li jimplimentaw l-emendi kostituzzjonali. Filwaqt li jinnota b'sodisfazzjon ta' xi progress li sar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Kunsill jinnota li sar progress limitat fil-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jtenni l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi f'dawn l-oqsma, inkluż billi jiġi stabbilit rekord b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali, iffriżar u konfiska ta' assi kriminali effettivi, inkluż fil-livell għoli.

31. Il-Kunsill itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress fit-titjib tal-**libertà tal-espressjoni** u l-**indipendenza tal-media** u jappella lis-Serbja biex timplimenta l-leġislazzjoni adottata dwar il-media u tiżgura l-allinjament ulterjuri tagħha mal-*acquis* u l-istandards tal-UE kif ukoll biex tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-prevenzjoni u fl-indirizzar tal-forom kollha ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin fuq l-istazzjonijiet kollha tal-media. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lis-Serbja biex tiżgura ambjent abilitanti u rwol aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
32. Jehtiegħ ukoll li s-Serbja tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-**drittijiet fundamentali**, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi fis-Serbja kollha.
33. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija tas-Serbja fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jhegġegħ lis-Serbja biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tavvanza fil-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni u biex timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni msaħħa tas-Serbja mal-UE, b'mod partikolari s-sħubija strateġika dwar il-materja prima sostenibbli.
34. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-Serbja qed iżżomm il-livell ta' tħejjija tagħha dwar il-parametri referenzjarji għall-ftuħ fil-**għabra 3** (Kompetittività u tkabbir inklużiv). Il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-ftuħ tal-għabra 3 abbażi tal-progress ulterjuri sostanzjali li twettaq is-Serbja, b'mod partikolari f'konformità mal-oqsma msemmija fil-paragrafu 29 u skont il-qafas ta' negozjar, meta mqabbel mal-valutazzjoni li tinsab fir-rapport dwar it-tkabbir tal-2024.
35. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-fatt li s-Serbja żammet l-impenn tagħha f'għadd ta' inizjattivi ta' **kooperazzjoni reġjonali** u jhegġegħ lis-Serbja tkompli ssaħħaħ ir-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni mas-sħab kollha fir-reġjun.

36. Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikattiva fit-**trattament domestiku ta' delitti tal-gwerra**, bis-soluzzjoni tal-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali. M'għandu jkun hemm l-ebda appoġġ għal kriminali tal-gwerra kkundannati u lanqas għall-glorifikazzjoni jew iċ-ċaħda tad-delitti tagħhom.
37. Filwaqt li jfakkar li l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi huwa element fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE, il-Kunsill jinnota r-rapporti dwar l-**elezzjonijiet** ta' Diċembru tal-2023 u ta' Ġunju tal-2024 mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR). Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-proċess elettoral i jeħtieġ titjib tanġibbli u aktar riformi. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lis-Serbja tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi tal-OSKE/ODIHR u tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż dawk li jappartjenu għal aspetti ewlenin tal-proċess elettoral i.
38. Il-Kunsill ifaħħar lis-Serbja talli kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE u jkompli jenfasizza l-ħtieġa għal aktar progress fil-proċeduri tal-ażil u allinjament sħiħ mal-**politika** tal-UE **dwar il-viżi**.
39. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li s-Serbja żżid l-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar ir-Russja u l-Belarusja, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet Serbi jżommu lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija u kwistjonijiet strateġiċi oħra. Il-Kunsill jilqa' l-assistenza umanitarja u assistenza oħra tas-Serbja lill-Ukrajna u jħeġġeġ lis-Serbja biex tkompli bil-kooperazzjoni tajba tagħha mal-UE dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva u tal-kontribut importanti tas-Serbja fmissjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE.

40. Jeħtiegħ li s-Serbja u l-Kosovo jsegwu sforzi sostnuti ta' tnaqqis tat-tensjoni, joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza u jevitaw ir-retorika diviżiva. Il-Kunsill jistenna li kemm is-Serbja kif ukoll il-Kosovo jsibu soluzzjoni sostenibbli għas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo li tiggarantixxi s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha, b'mod ikkoordinat. Il-Kunsill ifakkar fl-obbligi tas-Serbja li tirrispetta l-Ftehimiet ta' Djalogu matul il-proċess leġiżlattiv.
41. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-atti vjolenti mid-dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi tal-KFOR, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, u l-media fid-29 ta' Mejju 2023 u l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru 2023 fit-Tramuntana tal-Kosovo. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza. Il-Kunsill itenni l-aspettattivi tiegħu li s-Serbja ser tikkoopera bis-sħiħ u tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex taqbad u tressaq b'mod urġenti quddiem il-ġustizzja lill-awturi tal-attakki tal-2023. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa u jiddispjaċih ħafna li s-Serbja ma ħaditx azzjonijiet suffiċjenti f'dan ir-rigward.
42. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejħa mis-Serbja f'Settembru tal-2024 għall-parteeipazzjoni tas-Serbi tal-Kosovo f'elezzjonijiet futuri fil-Kosovo u għall-integrazzjoni mill-ġdid tas-Serbi tal-Kosovo fl-istituzzjonijiet kollha tal-Kosovo li dawn ħallew fl-2022. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva tiegħu għar-riintegrazzjonif'waqtha u rapida tagħhom mingħajr ebda prekundizzjoni mis-Serbja, f'konformità mal-Ftehimiet ta' Djalogu u b'rispett sħiħ għall-qafas legali tal-Kosovo.
43. Il-Kunsill jistenna li s-Serbja tinvolvi ruħha fid-**Djalogu ffaċilitat mill-UE** in bona fide u tikseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mal-Kosovo dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-*acquis* tal-UE mingħajr aktar dewmien. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-impenji tad-Djalogu tagħhom huma kundizzjonijiet essenżjali fil-perkors Ewropew taż-żewġ partijiet u t-tnejn jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti jekk ma jsirx progress.

44. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li s-Serbja u l-Kosovo reċentement affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-proċess ta' **normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn xulxin** u wiegħdu impenn kostruttiv fil-proċess biex imexxuh 'il quddiem malajr. Huwa jilqa' wkoll il-konklużjoni tal-ftehim kummerċjali dwar il-provvista tal-elettriku fit-Tramuntana tal-Kosovo f'Diċembru 2023 u r-rikonoxximent reċiproku tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni f'Jannar 2024.
45. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li l-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni bejn il-Kosovo u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu adottati fi Frar u Marzu tal-2023 rispettivament, jiġu rispettati bis-sħiħ u implimentati mill-aktar fis possibbli mingħajr prekundizzjonijiet l-istess bħall-impenji kollha relatati mal-UE, flimkien ma' impenji pendenti oħra milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità tal-Muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba abbażi tal-abbozz ta' Statut ippreżentat lill-partijiet mill-Faċilitatur tal-UE. Is-Serbja mistennija tibda r-rikonoxximent tad-dokumenti u s-simboli tal-Kosovo f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni. Il-Kunsill itenni li l-istatus tal-istrutturi u s-servizzi appoġġati mis-Serbja huwa previst li jiġi solvut f'konformità mal-ftehimiet milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE u mal-liġi tal-Kosovo.
46. Il-Kunsill ifakkar li l-parametri referenzjarji tal-**kapitolu 35** tan-negozjati tal-adeżjoni tas-Serbja ġew emendati biex jirriflettu l-obbligi tas-Serbja msemmija fil-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu.

L-ALBANIA

47. Il-Kunsill jilqa' l-ftuħ tal-ġabra tal-elementi fundamentali mal-Albanija fil-**konferenza dwar l-adeżjoni** fil-15 ta' Ottubru 2024 u l-ftuħ reċenti tal-ġabra tar-relazzjoni esterni. Il-Kunsill ifaħħar l-oġettiv tal-gvern li jkompli l-avvanzi tal-Albanija fil-perkors tagħha lejn l-UE, iħeġġeġ lill-forzi politiċi kollha jsegwu l-pjan ambizzjuż tagħhom biex jingħalqu n-negozjati tal-adeżjoni, u jistenna b'interess li jkun jista' jiftaħ aktar ġabriet ta' kapitoli ta' negozjar mill-aktar fis possibbli, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

48. Filwaqt li jinnota li l-polarizzazzjoni politika tkompli taffettwa l-attivitajiet tal-**parlament**, il-Kunsill ifakkar li djalogu politiku inklużiv u kostruttiv fil-pajjiż jibqa' kruċjali għall-progress fir-riformi relatati mal-UE.
49. Il-Kunsill jilqa' l-progress fir-riforma li sar, b'mod partikolari fl-oqsma **tal-elementi fundamentali u l-istat tad-dritt**. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni kontinwa tal-Albanija tar-riforma tal-ġustizzja li jeħtieġ li tiġi kkonsolidata, li twassal għal aktar titjib fl-imparzjalità, l-indipendenza u l-professjonaliżmu tas-sistema ġudizzjarja. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-avvanz tal-proċess ta' skrutinju u, b'mod partikolari t-tlestija tal-ipproċessar tal-kawżi fl-ewwel istanza, u jhegheg lill-Albanija tikkonkludi l-proċess kollu fi żmien xieraq. Il-Kunsill itenni li d-deċiżjonijiet vinkolanti tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom jiġu rrispettati u implimentati bis-sħiħ. Il-Kunsill jieħu nota b'sodisfazzjon tar-riżultati tajbin miksuba mill-Istruttura Speċjalizzata Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK) u l-qrati tagħha inkluż f'każijiet ta' korruzzjoni fl-livell għoli, u l-kooperazzjoni tajba mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u tal-Istati Membri. Dan għandu jkompli, inkluż il-kooperazzjoni dwar l-investigazzjonijiet finanzjarji. Huma meħtieġa wkoll kontrolli msaħħa u kapaċitajiet konsolidati għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jkomplu l-isforzi biex jiġi stabbilit rekord solidu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, inkluż fl-livell għoli. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u jhegheg lill-Albanija biex tkompli l-implimentazzjoni.

50. Il-Kunsill jappella lill-Albanija biex tkompli ssaħħa il-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali**, inkluż il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u jinnota bi tħassib li ma sar l-ebda progress fir-rigward tal-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. L-Albanija teħtieġ li żżid l-isforzi tagħha biex issaħħa l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media billi żżid it-trasparenza tas-sjieda tal-media u tiżgura ambjent sigur u mingħajr periklu għall-ġurnalisti. Filwaqt li jfakkar fil-pożizzjoni komuni tal-UE dwar il-ġabra 1, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja dwar il-minoranzi, u jieħu nota tal-impenji meħuda mill-Albanija li tadotta sa tmiem is-sena u timplimenta malajr id-digriet li fadal b'rabta mal-liġi qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali f'konformità mal-istandards Ewropej u bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Bl-istess mod, il-Kunsill iħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' riforma komprensiva fis-settur tal-art u l-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà b'mod trasparenti. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jissaħħa aktar u jissaħħa l-konsultazzjonijiet sinifikanti.
51. Dwar ir-**riformi elettorali**, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja b'mod inklużiv u f'waqtu.
52. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar fil-**migrazzjoni** u fil-ġestjoni tal-fruntieri, filwaqt li jenfasizza l-hteġa għal aktar progress fil-proċeduri tal-ażil u allinjament sħiħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
53. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija tal-Albanija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jħeġġeġ lill-Albanija tkompli bl-isforzi tagħha biex tavvanza fil-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni u biex timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.
54. Il-Kunsill jilqa' l-involvement kostruttiv li l-Albanija żammet fil-kooperazzjoni reġjonali. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

55. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Albanija għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ, sod u fit-tul tagħha mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Albanija fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir ukoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Albanija fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE fil-qafas tal-PSDK, u s-Sħubija l-għdida għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Albanija li twitti t-triq għal kollaborazzjoni akbar floqsma ewlenin.

IL-MAĊEDONJA TA' FUQ

56. Filwaqt li l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-gvern il-għdid fil-Maċedonja ta' Fuq iddikjara l-integrazzjoni fl-UE bħala l-għan strateġiku tiegħu, huwa jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Lulju 2022 u jinnota li l-Maċedonja ta' Fuq għadha ma lestietx **il-bidliet kostituzzjonali** li hija impenjat ruħha għalihom. Filwaqt li jtenni l-appell tal-Kunsill Ewropew lill-Maċedonja ta' Fuq **biex taċċellera t-tlestija** ta' dawn il-bidliet, il-Kunsill jirriafferma r-rieda tiegħu li jlaqqa' konferenza intergovernattiva oħra, mingħajr aktar dewmien u lanqas deċiżjoni politika addizzjonali, hekk kif il-Maċedonja ta' Fuq tkun implimentat l-impenn tagħha, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha. Minn hemm 'il quddiem, il-Kunsill jinsab lest li jiftaħ l-ewwel ġabra ta' negozjar malajr kemm jista' jkun, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar.
57. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-partijiet kollha fil-**parlament** jiżguraw kollaborazzjoni bejn il-partiti, b'enfasi fuq l-avvanz tal-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE.

58. Il-Kunsill jilqa' l-livell ta' tħejjija tal-Maċedonja ta' Fuq f'oqsma ewlenin. Huwa jinnota li għadhom meħtieġa passi permanenti u deċiżivi sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-**elementi fundamentali u l-istat tad-dritt** fejn sar biss progress limitat. Il-Kunsill itenni li jeħtieġ li l-Maċedonja ta' Fuq tikseb riżultati rigward l-indipendenza, il-professjonaliżmu, l-effiċjenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura u rigward ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Kunsill Ġudizzjarju jeħtieġ li jissaħħaħ f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-UE tal-2023. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġ li tissaħħaħ. Il-Kunsill jibqa' mħasseb serjament dwar l-emendi għall-Kodiċi Kriminali, li jaffettwaw għadd kbir ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex tadotta Kodiċi Kriminali ġdid f'konformità mal-*acquis* tal-UE u l-istandards internazzjonali. Il-Kunsill iġedded ukoll l-appell tiegħu lill-Maċedonja ta' Fuq biex issaħħaħ aktar id-**drittijiet fundamentali**, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jew komunitajiet, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni.
59. Filwaqt li jilqa' l-fatt li l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali reċenti li saru fl-2024 kienu kompetittivi, il-Kunsill jinnota li huwa meħtieġ aktar progress fir-**riforma elettorali**, inkluż l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja.
60. Il-Kunsill ifaħħar lill-Maċedonja ta' Fuq għat-tkompli tal-kooperazzjoni tajba tagħha rigward il-ġestjoni tal-**migrazzjoni**, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-allinjament mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
61. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija u xi progress li għamlet il-Maċedonja ta' Fuq fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jhegġegħ lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli bl-isforzi tagħha biex tavvanza fil-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni u timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.

62. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar il-Ħbiberija, ir-Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u l-Kooperazzjoni mal-Bulgarija f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar.
63. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Maċedonja ta' Fuq għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-allinjament sħiħ, sod u fit-tul tagħha mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Maċedonja ta' Fuq fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir ukoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Maċedonja ta' Fuq fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE fil-qafas tal-PSDK, u s-Sħubija l-għdida għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Maċedonja ta' Fuq li twitti t-triq għal kollaborazzjoni akbar f'oqsma ewlenin.

IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA

64. Il-Kunsill jilqa' d-**deċiżjoni** tal-Kunsill Ewropew tal-21-22 ta' Marzu 2024 **biex jinfetħu n-negożjati tal-adeżjoni** mal-Bożnija-Herzegovina, imsejsa fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024. Il-Kunsill jistenna b'interess li l-Bożnija-Herzegovina tiegħu l-passi rilevanti kollha stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-qafas ta' negożjar mill-Kunsill fil-mument li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet. Huma meħtieġa aktar sforzi fit-twettiq tal-14-il prijorità ewlenija stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019, u b'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju tal-2022.

65. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tat-tmexxija politika li għabet riżultati tanġibbli u kkontribwiet għad-deċijoni ta' Marzu biex jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni iżda jinnotta b'dispaċir li d-dinamika tar-riforma minn dak iż-żmien waqfet. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha biex iġeddu l-enfasi tal-pajjiż fuq il-progress fil-perkors lejn l-UE, filwaqt li jieħdu azzjonijiet determinati biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa. Il-Bożnija-Ħerzegovina għandha taħtar negozjatur ewlieni u koordinatur nazzjonali tal-IPA taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III kif ukoll tiżviluppa programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li tiġi żgurata l-konformità tal-liġijiet adottati kollha mal-*acquis* tal-UE u mal-istandards Ewropej, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja.
66. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-elezzjonijiet lokali, li saru fil-Bożnija-Ħerzegovina fis-6 ta' Ottubru 2024 abbażi tal-liġi elettorali fil-livell tal-istat, ġew ġestiti b'mod kompetittiv u effiċjenti, filwaqt li ġew indirizzati xi rakkomandazzjonijiet tal-ODIHR li kienu ilhom jeżistu. B'referenza għall-**mekkaniżmi istituzzjonali** li ġew stabbiliti bil-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jeħtieġ li l-Bożnija-Ħerzegovina twettaq aktar riformi kostituzzjonali u elettorali biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha, b'mod partikolari billi timplimenta l-ġurisprudenza tal-kawża *Sejdić-Finci* u ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal proċess inklużiv ta' riformi kostituzzjonali u elettorali limitati, permezz ta' djalogu ġenwin u f'konformità mal-istandards Ewropej biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni fil-proċess elettorali. Il-Kunsill ifakkar ukoll li għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti kostituzzjonali għad iridu jiġu infurzati b'mod sħiħ. Ma għandu jittieħed l-ebda pass li jagħmel l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet aktar diffiċli jew li jkompli japprofondixxi d-diviżjonijiet.
67. Il-Kunsill itenni l-**impenn inekwivoku** tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Ħerzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha fil-Bożnija-Ħerzegovina biex jirrinunzjaw u joqogħdu lura minn retorika u azzjonijiet diviżivi u provokattivi, inkluż milli jqajmu dubji dwar is-sovrani, l-għaqda u l-integrità territorjali tal-pajjiż, biex jirrispettaw il-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha li jappartjenu għall-popli kostitwenti kollha u oħrajn, u biex itemmu l-glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra kkundannati kif ukoll biex jippromwovu r-rikonċiljazzjoni b'mod attiv.

68. Il-Kunsill jinsab imħasseb serjament dwar il-leġislazzjoni u l-inizjattivi fl-entità *Republika Srpska* li jmorru kontra l-perkors tal-Bożnija-Herzegovina lejn l-UE, li jinkludu retorika seċessionista u jqajmu dubji dwar l-ordni kostituzzjonali tal-pajjiż. Is-sovranià, l-integrità territorjali, l-ordni kostituzzjonali, inkluż id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, u l-personalià internazzjonali tal-Bożnija-Herzegovina jeħtieġ li jiġu rrispettati. Kwalunkwe azzjoni kontra dawn il-prinċipji ser twassal għal konsegwenzi serji.
69. Filwaqt li jinnota l-progress limitat li sar fil-qasam tal-ġudikatura, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-emendi dwar l-integrità fil-Liġi dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ l-**istat tad-dritt**, inkluż bl-adozzjoni tal-Liġi l-ġdida dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli, u l-Liġi dwar il-Qrati. Jeħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jiġu rrispettati b'mod sħiħ.
70. Il-Kunsill jinnota li saru sforzi limitati fil-qasam tad-**drittijiet fundamentali** u jtenni l-appell tiegħu lill-Bożnija-Herzegovina biex tintensifika b'mod sinifikanti l-isforzi f'dan ir-rigward. Filwaqt li jinnota li ma nkiseb ebda progress fil-libertà tal-espressjoni u tal-media u fil-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-Kunsill jappella lill-Bożnija-Herzegovina biex tiżgura rrispett, protezzjoni u promozzjoni sħaħ tal-libertà ta' għaqda, assoċjazzjoni u espressjoni, u żżomm lura minn azzjonijiet ulterjuri li jħallu impatt negattiv fuq l-eżerċizzju tagħhom.
71. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li sar xi progress fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-liġijiet dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess u dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll l-iffirmar tal-ftehim tal-Eurojust dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-UE. Il-Kunsill jappella lill-Bożnija-Herzegovina biex tieħu aktar passi deċiżivi f'dawn l-oqsma, inkluż billi tistabbilixxi rekord ta' investigazzjonijiet u kundanni, inkluż f'livell għoli u tadotta l-Liġi dwar il-protezzjoni tad-data personali.

72. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina biex tavvanza fil-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni u biex timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.
73. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-ġestjoni tal-migrazzjoni kompliet titjeb u jappella lill-pajjiż biex jallinja ruħu bis-sħiħ mal-**politika** tal-UE **dwar il-viżi** u jadotta l-Liġi dwar il-kontroll tal-fruntieri. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li n-negozjati dwar il-ftehim dwar l-istatus tal-Frontex avvanzaw u jappella għall-iffirmar rapidu tiegħu.
74. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina biex tippreżenta l-Aġenda ta' Riforma tagħha mingħajr aktar dewmien. Dan huwa rekwiżit ġenerali bażiku għal pagamenti possibbli taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, u l-Bożnija-Herzegovina tirriskja li titlef benefiċċji importanti fin-nuqqas ta' progress.
75. L-UE hija solidali mal-Bożnija-Herzegovina wara l-**għargħar** u l-uqigħ tal-art devastanti fit-3 ta' Ottubru 2024. L-UE pprovdiet assistenza ta' emerġenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bil-parteċipazzjoni ta' għaxar Stati Membri, kif ukoll permezz tal-EUFOR Althea. L-UE hija lesta tipprovdi assistenza ulterjuri kif meħtieġ.
76. Il-Kunsill jilqa' tiġdid tal-mandat tal-**EUFOR Althea**, li tkompli taqdi rwol ewlieni fl-appoġġ għall-awtoritajiet fil-Bożnija-Herzegovina fiż-żamma ta' ambjent sigur u mingħajr periklu għaċ-ċittadini kollha.
77. Il-Kunsill itenni li huwa importanti li titkompla l-kooperazzjoni fost l-**atturi internazzjonali** u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-missjoni tar-Rappreżentant Għoli u l-Uffiċċju tiegħu bl-għan tat-twettiq tal-Aġenda 5+2.
78. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tirratifika malajr il-**ftehimiet ta' mobbiltà** reġjonali kollha fl-ambitu tal-Proċess ta' Berlin.
79. Il-Kunsill ifaħħar l-allinjament sħiħ tal-Bożnija-Herzegovina mal-**PESK tal-UE** li jindika l-impenn ċar tagħha fil-perkors lejn l-UE u jħeġġiġha żżomm dan l-impenn u timplimenta bis-sħiħ il-miżuri restrittivi, inkluż dwar ir-Russja u l-Belarussja.

IL-KOSOVO

80. Il-Kunsill jilqa' l-**impenn** sostnut tal-Kosovo għall-perkors Ewropew tiegħu u r-riformi relatati. L-UE ser tkompli tassisti aktar lill-Kosovo fir-riformi tiegħu u fl-implimentazzjoni sostnuta tagħhom, inkluż dawk iffokati fuq il-perkors Ewropew tiegħu. Il-Kunsill jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-liberalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini tal-Kosovo.
81. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon xi progress fil-**għlieda kontra l-kriminalità organizzata**, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni mal-Europol, filwaqt li sar progress limitat fir-rigward tal-**għlieda kontra l-korruzzjoni** u l-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali**. Il-Kosovo għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura r-responsabbiltà, l-indipendenza, l-effiċjenza u l-integrità tas-sistema ġudizzjarja, jipproteġi l-libertà tal-espressjoni, u jiżgura li l-leġiżlazzjoni f'dawn l-oqsma tkun allinjata bis-sħiħ mal-*acquis* tal-UE u mal-istandards Ewropej. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kosovo jagħmel progress addizzjonali biex jippromwovi b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-Monasteru ta' Dečani. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-Kosovo stabbilixxa segretarjat ċentrali għall-għlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u ħatar koordinatur nazzjonali.
82. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-progress tajjeb miksub mill-Kosovo fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jhegġegħ lill-Kosovo jimplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.
83. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-**elezzjonijiet** parlamentari ta' Frar 2025 ser isiru taħt il-qafas elettoral i-ġdid tal-Kosovo, li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet minn missjonijiet suċċessivi ta' osservazzjoni elettoral tal-UE. Il-Kunsill jistieden lill-Kosovo jkompli jikkonsolida dan il-qafas, li jissottolinja l-importanza ta' proċess elettoral trasparenti, amministrat tajjeb, inklużiv u kompetittiv.

84. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fit-**Tramuntana tal-Kosovo**. Jeħtieġ li l-Kosovo u s-Serbja jkomplu l-isforzi sostnuti għat-tnaqqis tat-tensjoni, joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza u jevitaw retorika diviżiva. Il-Kunsill jappoġġa l-preżenza msaħħa tal-KFOR, b'mod partikolari fid-demarkazzjoni tal-fruntiera/konfini bejn il-Kosovo u s-Serbja, kif ukoll il-preżenza fissa ħdejn il-pont f'Mitrovica. Diversi azzjonijiet mhux koordinati mill-Kosovo inkluż dawk diretti kontra strutturi u servizzi appoġġati mis-Serbja li joperaw fil-Kosovo kellhom impatt negattiv fuq is-Serbi tal-Kosovo u komunitajiet oħra u l-aċċess tagħhom għal servizzi pubbliċi u soċjali bażiċi. Il-Kunsill jistenna li kemm il-Kosovo kif ukoll is-Serbja jsibu soluzzjoni sostenibbli għas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo, li tiggarantixxi s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha, b'mod ikkoordinat.
85. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-atti vjolenti mwettqa minn dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi tal-KFOR, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-media fid-29 ta' Mejju 2023 u l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru 2023 fit-Tramuntana tal-Kosovo. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza. Il-Kunsill jieħu nota tal-proċedimenti ġudizzjarji li għaddejjin fil-Kosovo u jtenni l-ħtieġa għall-irfiġh tar-responsabbiltà.
86. Il-Kunsill jikkundanna l-attakk reċenti fuq il-kanal Iber Lepenc / Ibar Lepenac fit-Tramuntana tal-Kosovo u huwa solidali mal-persuni affettwati. Il-Kunsill jistenna li l-awturi jinqabdu u jitressqu quddiem il-ġustizzja. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet rilevanti.
87. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex jippermetti l-integrazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin, il-prosekuturi, l-uffiċjali tal-pulizija u persunal ieħor Serbi tal-Kosovo fl-istituzzjonijiet kollha tal-Kosovo li ħallew fl-2022. Il-Kunsill jistenna li r-riintegrazzjoni ssir skont il-Ftehimiet ta' Djalogo u b'rispett sħiħ għall-qafas legali tal-Kosovo. F'konformità mad-dikjarazzjoni tat-3 ta' Ġunju 2023 mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE, l-UE kienet u għadha timplimenta miżuri riversibbli fir-rigward tal-Kosovo. L-UE ser tneħħi dawn il-miżuri gradwalment b'mod parallel ma' passi ulterjuri mill-Kosovo biex jitnaqqsu t-tensjonijiet fit-Tramuntana. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi dawn il-kwistjonijiet.

88. Il-Kunsill jiddispijaci li l-maġġoranza tas-Serbi tal-Kosovo bbojkottjaw il-votazzjoni għat-tneħħija tas-sindku f'April 2024. Huwa essenzjali li jsiru elezzjonijiet lokali inklużivi, bil-parteċipazzjoni sħiħa tas-Serbi tal-Kosovo mingħajr prekundizzjonijiet, fl-erba' municiplitalajiet tat-Tramuntana. Id-dritt tal-vot għandu jiġi ffaċilitat għaċ-ċittadini eliġibbli kollha. Il-Kunsill ihegġegħ lill-membri Serbi tal-Kosovo kollha tal-Assemblea tal-Kosovo jinvolvu ruħhom b'mod attiv u kostruttiv fil-ħidma tal-Assemblea.
89. Il-Kunsill jistenna li l-Kosovo jidħol fid-**Djalogu ffaċilitat mill-UE** in bona fide u mingħajr aktar dewmien jaasal għal ftehim komprensiv legalment vinkolanti mas-Serbja dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-*acquis* tal-UE. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-impenji tad-Djalogu tagħhom huma kundizzjonijiet essenzjali fil-perkors Ewropew taż-żewġ partijiet u t-tnejn jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti jekk ma jsirx progress.
90. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kosovo u s-Serbja reċentement irriafferma l-impenn tagħhom għall-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn xulxin u wiegħdu impenn kostruttiv fil-proċess biex jagħmlu progress malajr. Huwa jilqa' wkoll il-konklużjoni tal-ftehim kummerċjali dwar il-provvista tal-elettriku fit-Tramuntana tal-Kosovo f'Diċembru 2023 u r-rikonoxximent reċiproku tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni f'Jannar 2024.
91. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li l-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni bejn il-Kosovo u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu adottati fi Frar u Marzu tal-2023 rispettivament jiġu rispettati bis-sħiħ u implimentati mill-aktar fis possibbli mingħajr prekundizzjonijiet l-istess bħall-impenji kollha relatati mal-UE, flimkien ma' impenji pendenti oħra milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE.
92. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/Komunità ta' Municiplitalajiet b'Maġġoranza Serba, li jibda bit-trażmissjoni tal-abbozz tal-Istatut ippreżentat lill-partijiet mill-Faċilitatur tal-UE b'deċiżjoni tal-Gvern tal-Kosovo, lill-Qorti Kostituzzjonali tal-Kosovo mingħajr aktar dewmien. Il-Kunsill itenni li l-istatus tal-istrutturi u s-servizzi appoġġati mis-Serbja huwa previst li jiġi solvut f'konformità mal-ftehimiet milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE u mal-liġi tal-Kosovo.

93. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tiġi emendata l-aġenda tal-**Grupp Speċjali dwar in-Normalizzazzjoni tal-Kosovo** biex tirrifletti l-obbligi tal-Kosovo msemmija fil-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu.
94. Il-Kunsill itenni l-importanza u l-appoġġ tiegħu għall-**ħidma tal-Awli Speċjalizzati għall-Kosovo u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat** u jissottolinja r-rieda tiegħu li jassistihom fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħhom.
95. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kosovo mal-missjoni **EULEX**, kif ukoll ma' atturi internazzjonali rilevanti oħra.
96. Il-Kunsill jilqa' l-passi meħuda mill-Kosovo biex jissodisfa l-impenji tiegħu fis-**CEFTA**, inkluż billi jneħħi d-deċiżjoni tiegħu li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' oġġetti ta' oriġini Serba, li għandhom jiġu implimentati malajr b'mod sħiħ.
97. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kosovo għall-kundanna tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, għat-tkomplija tal-allinjament volontarju tiegħu mal-miżuri restrittivi tal-**PESK tal-UE** u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, li huma espressjoni ċara tal-għażla u l-post strateġiċi tal-Kosovo f'komunità ta' valuri.

IT-TURKIJA

98. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti kollha tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mat-Turkija, il-Kunsill jenfasizza l-**interess strateġiku** tal-UE f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u benefiċċju reċiproku mat-Turkija.
99. L-UE ttenni li hija **lesta taħdem** mat-Turkija f'oqsma ta' interess komuni b'mod gradwali, proporzjonat u reversibbli, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024, u soġġett għal kundizzjonalitajiet stabbiliti.

100. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-**passi konkreti** li ttieħdu f'dak il-kuntest, b'hall-organizzazzjoni tal-ewwel Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Kummerċ, l-istabbiliment mill-ġdid tad-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Ekonomija, u l-istedina lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jeżamina l-kundizzjonijiet għal involviment mill-ġdid gradwali f'oqsma ta' prijorità, b'enfasi fuq is-settur privat. Il-Kunsill jieħu nota sew ukoll tal-kontinwazzjoni tad-djalogi dwar il-politika barranija u kwistjonijiet reġjonali, u tad-Djalogi ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija f'oqsma settorjali ta' interess komuni, stipulati f'konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew preċedenti. L-impenn kostruttiv tat-Turkija stess ser ikun strumentali biex isir progress f'diversi oqsma ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tagħti importanza partikolari lill-issoktar tat-taħditiet ta' riżoluzzjoni rigward Ċipru u l-progress fihom, biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.
101. Il-Kunsill jinnota **titjib fir-relazzjonijiet** bejn it-Turkija u l-Greċja u jistenna li dawn jiġu sostnuti. Il-Kunsill jinnota t-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran, li wkoll jeħtieġ li jiġi sostnut.
102. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Kif iddikjarat fil-konklużjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kunsill itenni li jeħtieġ li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Qafas ta' Negożjar, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Ir-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Jeħtieġ li t-Turkija tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

103. Il-Kunsill itenni l-impenn sħiħ tal-UE għal **soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru**, fil-qafas maqbul tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u l-*acquis*. Jibqa' kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi b'mod attiv għal din is-soluzzjoni paċifika, inkluż fl-aspetti esterni tagħha. Filwaqt li tilqa' l-passi reċenti meħuda mis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jissoktaw it-taħditiet dwar soluzzjoni, l-UE tibqa' lesta li tassumi rwol attiv fl-appoġġ tal-istadji kollha tal-proċess immexxi min-NU, bil-mezzi adatti kollha għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-istatus ta' Varosha, jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali kollha tat-Turkija li jmorru kontra r-Risoluzzjonijiet tas-Sigurtà tan-NU, u jtenni l-appell tiegħu biex jitreggħu lura immedjatament. Il-Kunsill jappella lit-Turkija tirrispetta r-Risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Risoluzzjonijiet 541, 550, 789 u 1251.
104. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tas-snin preċedenti tal-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, kif ukoll fl-impenji internazzjonali relatati tat-Turkija, il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni kontinwa u inkwetanti ħafna fl-oqsma tad-**demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali**. Huwa partikolarment inkwetanti n-nuqqas sistemiku kontinwu ta' indipendenza u l-pressjoni żejda fuq il-ġudikatura, u l-ħafna restrizzjonijiet fuq l-espressjoni ħielsa u sikura, inkluż il-libertà tal-media u t-tixrid tal-informazzjoni, kif ukoll is-sensji u s-sostituzzjonijiet ta' sindki municipli eletti b'mod demokratiku. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment dawk li jittrattaw in-nisa, il-persuni LGBTI u d-drittijiet tal-bniedem, għadhom qed jiffaċċjaw pressjoni. Il-Kunsill itenni l-appelli tiegħu għat-Turkija biex tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-**Kunsill tal-Ewropa** u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħhom, timplimenta bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem li t-Turkija hija parti għalihom, kif ukoll biex teżegwixxi s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'konformità mal-Artikolu 46 tal-KEDB. In-nuqqas kontinwu tat-Turkija li timplimenta d-deċizzjonijiet tal-KEDB iqajjem dubji dwar l-impenn tat-Turkija għall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali u għall-obbligi internazzjonali tagħha. Il-Kunsill jappella lit-Turkija treggħa lura b'mod urġenti x-xejriet negattivi f'dawn l-oqsma kollha u tindirizza b'mod kredibbli l-ħafna nuqqasijiet serji identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni.

105. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' bidla lejn politiki ekonomiċi aktar konvenzjonali u aktar stretti minn nofs l-2023. Il-Kunsill iheghegħ lit-Turkija tkompli timplimenta politiki makroekonomiċi orjentati lejn l-istabbiltà u tkompli tindirizza tħassib dwar il-funzjonament xieraq tal-ekonomija tas-suq tat-Turkija u l-ambjent istituzzjonali u regolatorju.
106. Id-**Dikjarazzjoni UE-Turkija** tibqa' l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u għadha tagħti riżultati. It-Turkija u l-UE komplew jikkooperaw fl-appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, inkluż fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, għall-issoktar tar-ritorni u għall-prevenzjoni tal-wasliet irregolari mingħajr aktar dewmien. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li t-Turkija timplimenta bis-sħiħ u b'mod effettiv il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija u tikkooopera fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll li tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
107. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Unjoni Doganali UE-Turkija**, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress reċenti li sar lejn is-soluzzjoni tal-ostakli għall-kummerċ u t-tneħħija ta' ċerti restrizzjonijiet, il-Kunsill jistenna li t-Turkija tkompli u żżid il-ħidma biex tneħħi l-ostakli kummerċjali li fadal.
108. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-miżuri konkreti meħuda mit-Turkija biex twaqqaf iċ-**ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE** kontra r-Russja mit-territorju tagħha, li jeħtieġ jiġu implimentati u kkomplementati b'aktar sforzi fejn ikun xieraq. Il-kooperazzjoni attiva mal-UE fil-prevenzjoni u l-kxif ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE, inkluż dwar oġġetti b'użu doppju, kif ukoll it-tranżitu falz u l-esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti lejn ir-Russja permezz ta' intermedjarji minn pajjiżi terzi, tibqa' essenzjali. Il-Kunsill jistieden lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għas-Sanzjonijiet iħejji valutazzjoni li tiddeskrivi r-riżultati tal-azzjonijiet meħuda mit-Turkija f'dan ir-rigward u l-modi possibbli biex tittejjeb l-effiċjenza tagħhom.

109. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti tat-Turkija fl-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u fl-iskambju tal-priġunieri fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
110. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna dwar ir-rata baxxa ħafna ta' allinjament tat-Turkija mal-**PESK tal-UE** u n-nuqqas ta' allinjament tagħha mal-miżuri restrittivi tal-UE adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jtenni l-appell qawwi tiegħu lit-Turkija biex iżżid l-allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-PESK tal-UE bħala kwistjoni tal-ogħla prijorità. Il-politika barranija tat-Turkija għadha tmur kontra l-prijoritajiet tal-UE. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat mill-awtoritajiet Torok, inkluż fil-qafas tad-djalogi bejn l-UE u t-Turkija dwar il-politika barranija u kwistjonijiet reġjonali.
111. Filwaqt li jirriafferma l-konklużjonijiet tas-sena preċedenti, il-Kunsill jinnota li n-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija effettivament waqfu u li l-ebda kapitolu ieħor ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew għall-għeluq.

L-UKRAJNA

112. Il-Kunsill itenni l-**kundanna** qawwija tiegħu **tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja** kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jirriafferma l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonnoxxuti internazzjonalment u d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża. Filwaqt li jirriafferma l-impenn tal-UE għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi tal-Ukrajna, u fejn ma tista' tittieħed l-ebda inizjattiva dwar l-Ukrajna mingħajr l-Ukrajna, il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid ukoll l-impenn sod tal-UE li tipprovdi appoġġ kontinwu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità li tkun meħtieġa, f'konformità wkoll mal-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna ffirmati f'Ġunju 2024.

113. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sod tal-UE għall-Ukrajna u għall-perkors tal-adeżjoni tagħha mal-UE, u jfaħħar l-impenn tal-Ukrajna għall-proċess ta' riforma tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-**ftuħ** formali **tan-negozjati tal-adeżjoni** mal-Ukrajna f'Ġunju 2024 u l-progress konsiderevoli li sar is-sena l-oħra fir-riforma minkejja l-isfidi eċċezzjonali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-proċess tal-iskrinjar qed javvanza skont il-pjan u jistenna b'interess il-konklużjoni tiegħu, u l-passi li jmiss fil-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna bil-ftuħ ta' ġabriet, bil-ġabra tal-elementi fundamentali tinfetaħ l-ewwel mill-aktar fis possibbli, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jappoġġa l-ħtiġijiet umanitarji tal-Ukrajna, kif ukoll it-tiswijiet, l-irkupru u r-rikostruzzjoni u jilqa' l-allinjament bejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar l-Ukrajna u l-Pjan għall-Ukrajna.
114. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon il-progress miksub f'oqsma importanti tal-**istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, li jibqgħu vitali għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ukrajna u għal aktar progress fil-proċess tat-tkabbir. Il-Kunsill jilqa' l-proċess ta' tiġdid li għaddej tal-korpi ta' governanza ġudizzjarja, b'mod partikolari l-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja u l-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifika tal-Imħallfin tal-Ukrajna, u l-Qorti Kostituzzjonali. L-implimentazzjoni ta' proċessi tal-għażla trasparenti u bbażati fuq il-mertu tibqa' importanti u għandha tkompli. Il-Kunsill jistenna b'interess il-proċess kontinwu ta' tiġdid tal-ġudikatura, b'mod partikolari l-Qorti Suprema. Il-Kunsill jilqa' wkoll ir-ratifika mill-Ukrajna tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u jistieden lill-Ukrajna tiegħu passi ulterjuri biex tiżgura allinjament domestiku sħiħ.
115. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tal-qafas leġislattiv u istituzzjonali dwar id-**drittijiet fundamentali** u jistenna b'interess l-implimentazzjoni u l-konsolidazzjoni ulterjuri tiegħu. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Ukrajna tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-libertà tal-espressjoni u tal-media f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, minkejja l-isfidi eżistenti kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluż biex tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżomm u gradwalment tirrestawra xenarju tal-media trasparenti, pluralistika u indipendenti. L-isforzi biex jiġu miġġielda l-interferenza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin iridu jkunu konformi mal-istandards internazzjonali dwar il-libertà tal-espressjoni.

116. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-leġiżlazzjoni emendata dwar il-protezzjoni tad-**drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali**. L-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-impenji meħuda mill-Ukrajna għandhom jittkomplew, f'konformità mal-qafas ta' negozjar tal-UE.
117. Il-Kunsill jilqa' l-progress tal-Ukrajna lejn l-iżgurar tal-funzjonament indipendenti u effettivi tal-istituzzjonijiet **kontra l-korruzzjoni**. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Ukrajna tkompli tindirizza l-isfidi li fadal u tkompli ssaħħaħ il-qafas istituzzjonali tagħha kontra l-korruzzjoni, il-limitazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni dwar il-proċedura kriminali, ir-restrizzjonijiet tal-persunal u r-rekord ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Ukrajna tkompli ssaħħaħ l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-miżuri tagħha kontra l-ħasil tal-flus.
118. Dwar il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jirrikonoxxi d-diffikultajiet eċċezzjonali tal-Ukrajna fit-twettiq tal-politika monetarja u l-governanza **ekonomika** ġenerali fiċ-ċirkostanzi attwali, u f'dan ir-rigward jieħu nota b'sodisfazzjon li l-Ukrajna għamlet progress lejn l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona.
119. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-Ukrajna biex issaħħaħ is-**sigurtà tal-enerġija** u l-indipendenza tal-provvista f'kuntast ikkaratterizzat mill-attakki persistenti tar-Russja kontra l-infrastruttura tal-enerġija u ċivili tal-Ukrajna. L-UE tinsab lesta li tkompli ttiprovdi appoġġ biex tiżdied b'mod urġenti s-sigurtà tal-enerġija tal-Ukrajna u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Ukrajna u tagħti appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna.
120. Il-Kunsill jibqa' impenjat għall-approfondiment ulterjuri tal-**kooperazzjoni settorjali tal-UE** mal-Ukrajna u l-integrazzjoni tagħha fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.
121. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn strateġiku tal-Ukrajna fil-perkors tagħha lejn l-UE u l-livell għoli ta' allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-**PESK tal-UE**. Huwa jhegġegħ lill-Ukrajna tkompli f'din ix-xejra pożittiva tagħha lejn allinjament sħiħ, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranià u tal-integrità territorjali tal-istati kollha.

IL-MOLDOVA

122. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sod tal-UE għall-Moldova u l-perkors tal-adeżjoni tagħha mal-UE, u jfaħħar l-impenn tal-Moldova għall-proċess ta' riforma tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-ftuħ formali tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova f'Ġunju 2024 u l-progress konsiderevoli fir-riforma li sar fl-aħħar sena minkejja l-isfidi sinifikanti kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki ibridi kontra l-Moldova nnifisha. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-proċess tal-iskrinjar qed javvanza skont il-pjan u jistenna b'interess il-konklużjoni tiegħu, u l-passi li jmiss fil-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna bil-ftuħ ta' ġabriet, bil-ġabra tal-elementi fundamentali tinfetaħ l-ewwel mill-aktar fis possibbli, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet.
123. Dwar l-**elementi fundamentali**, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' progress kontinwu fir-riforma, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
124. Filwaqt li tibni fuq il-progress sinifikanti li sar, il-Moldova għandha tkompli tavvanza fir-**riforma** komprensiva **tal-ġustizzja** tagħha, inkluż il-proċess ta' skrutinju, u tavvanza wkoll fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet rilevanti u l-iżvilupp ulterjuri ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet u kundanni, inkluż każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv l-approċċ sistemiku tal-Moldova għad-deoligarkizzazzjoni u jħeġġeġ it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni relatat.
125. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejbiet preliminari mill-OSKE/ODIHR, li jindikaw li l-**elezzjonijiet** Presidenzjali u r-**referendum dwar is-sħubija fl-UE** fl-20 ta' Ottubru kienu kalmi u ġestiti tajjeb, minkejja t-tentattivi persistenti tar-Russja li tuża manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin biex iddgħajjed il-proċessi demokratiċi, inkluż permezz ta' proxies lokali. Il-Kunsill jilqa' l-eżitu tar-referendum, li jirriafferma l-impenn tal-Moldova għall-futur tagħha fl-UE.

126. Il-Kunsill ifaħħar ir-reżiljenza tal-Moldova fil-konfront tal-attakki **ibridi** bla preċedent tar-Russja, u jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tal-UE, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fil-Moldova. Il-ġlieda kontra l-interferenza malizzjuża esterna, l-indirizzar tad-diżinformazzjoni li għandha impatt fuq iċ-ċittadini tagħha, u t-trawwim tal-partekippazzjoni tal-votanti huma partikolarment importanti fid-dawl tal-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin tal-2025. L-isforzi biex jiġu miġġielda l-interferenza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin iridu jkunu konformi mal-istandards internazzjonali dwar il-libertà tal-espressjoni.
127. Il-Kunsill ifaħħar il-progress kostanti tal-Moldova biex issaħħaħ is-**sigurtà tal-enerġija** u l-indipendenza tal-provvista tagħha. L-UE tinsab lesta li tkompli ttipprovdi appoġġ lil dan is-settur. Il-Moldova għandha bżonn tkompli taċċellera l-proġetti ta' infrastruttura relatati mal-interkonnessjonijiet tal-elettriku sabiex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet strutturali.
128. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jitkomplew ir-**riformi ekonomiċi** trasformattivi, il-kooperazzjoni settorjali u l-integrazzjoni ulterjuri fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva. Il-Kunsill jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan il-ġdid ta' Tkabbir għall-Moldova, li għandu l-għan li jappoġġa r-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali tal-Moldova u jtejjeb l-aċċess għas-suq uniku tal-UE.
129. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-isforzi sostnuti tal-Moldova biex issaħħaħ l-**amministrazzjoni pubblika** u l-qafas ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħha. Jeħtieġ li l-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tissaħħaħ fil-livelli kollha. L-involviment sistemiku mas-soċjetà ċivili dwar ir-riformi għandu jkompli.
130. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jappoġġa s-sovranià u l-integrità territorjali tal-Moldova fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

131. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Moldova għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-isforzi kostanti tagħha lejn allinjament mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Moldova fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill ifaħħar ukoll il-kooperazzjoni importanti dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarussja, u jilqa' l-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Moldova fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE. Huwa jhegġegħ lill-Moldova tkompli x-xejra pożittiva tagħha lejn l-allinjament, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranià u tal-integrità territorjali tal-istati kollha. Il-Kunsill jilqa' s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Moldova li twitti t-triq għal aktar kollaborazzjoni f'oqsma ewlenin.

IL-GEORGIA

132. Fid-dawl tal-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Unjoni hija lesta tappoġġa lill-poplu Georgjan fil-perkors Ewropew tiegħu. Fl-istess ħin, itenni t-tħassib serju tal-UE dwar l-azzjoni meħuda mill-gvern tal-Georgia, inkluż l-adozzjoni tal-liġi dwar it-trasparenza tal-influenza minn barranin, kif ukoll leġiżlazzjoni oħra, li jmorru kontra l-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-UE u jirrappreżentaw rigress fil-passi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-istatus ta' kandidat. Il-Kunsill ifakkar li f'Ġunju u f'Ottubru 2024 il-Kunsill Ewropew innota li azzjoni bħal din tipperikola l-perkors Ewropew tal-Georgia, u de facto twassal għall-waqfien fil-proċess ta' adeżjoni. Il-Kunsill jiddispijaċih għad-deċiżjoni reċenti tal-gvern tal-Georgia li jissospendi l-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE sal-2028.

133. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi, rappreżentanti tal-media u politiċi. L-awtoritajiet tal-Georgia jridu jirrispettaw id-dritt għal-libertà tal-għaqda u tal-espressjoni, u joqogħdu lura milli jużaw il-forza. L-atti kollha ta' vjolenza jridu jiġu investigati u dawk responsabbli jridu jagħtu kont ta' għemilhom.

134. Il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet Georgjani biex b'mod urġenti jerġgħu lura fil-perkors lejn l-UE u jadottaw **riforġi demokratiċi, komprensivi u sostenibbli**, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tal-integrazzjoni Ewropea. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-Georgia terġa' lura għall-implimentazzjoni tad-disa' passi stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar it-Tkabbir.
135. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar ir-rigress fl-oqsma tad-**demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali**. Jeħtieġ li l-Georgia tiggarrantixxi r-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni u ta' assemblea, u l-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media, **kif ukoll id-drittijiet tal-persuni LGBTI**.
136. Jeħtieġ li fil-Georgia jieqfu l-intimidazzjonijiet, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-mexxejja politiċi, l-attivisti ċivili u l-ġurnalisti tal-Georgia. Filwaqt li jfakkar li **soċjetà ċivili li tiffunzjona** hija komponent kruċjali ta' kwalunkwe sistema demokratika, il-Kunsill jappella lill-Georgia biex tiżgura li s-soċjetà ċivili ħajja tagħha tkun tista' tiffunzjona mingħajr restrizzjonijiet, u tinvolvi ruħha b'mod attiv, inklużiv u sinifikattiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika.
137. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju s-sejbiet preliminari tal-OSKE/ODIHR, li jindikaw li l-**elezzjonijiet** parlamentari tas-26 ta' Ottubru kienu kkaratterizzati minn diversi nuqqasijiet u ambjent mimli tensjoni u ppolarizzat ferm. Sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi, il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-Georgia biex tinvestiga u tindirizza irregolaritajiet elettorali u l-allegazzjonijiet tagħhom, u tindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet oħra tal-korpi tal-OSKE/ODIHR u tal-Kunsill tal-Ewropa, filwaqt li jfakkar ukoll li r-riforma elettorali komprensiva hija parti mid-disa' passi.
138. Il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet Georgjani jieħdu azzjonijiet konkreti biex jegħlbu ż-żieda fil-**polarizzazzjoni** u joqogħdu lura minn azzjonijiet li jistgħu jkomplu japprofondixxu t-tensjonijiet politiċi, bħar-retorika u d-diżinformazzjoni kontra l-UE.

139. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar ir-rigress fil-**funzjonament tal-ġudikatura**, u n-nuqqas dejjem jikber ta' indipendenza tal-istituzzjonijiet b'mod ġenerali. Għadhom meħtieġa sforzi sostanzjali lejn riforma komprensiva tal-ġudikatura, f'konformità mal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet Ewropej tal-Kummissjoni ta' Venezja. Daqstant ieħor importanti huwa l-iżvilupp ta' rekord b'saħħtu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' deoligarkizzazzjoni.
140. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota l-livell moderat ta' tħejjija u l-progress limitat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Il-Kunsill ifaħħar it-tkomplija tal-implimentazzjoni ta' politiki fiskali u monetarji sodi u jħeġġeġ lill-Georgia biex issaħħaħ l-indipendenza tal-bank ċentrali u timplimenta riformi strutturali meħtieġa oħra.
141. Il-Kunsill jappella lill-Georgia biex b'mod urġenti tissodisfa l-punti ta' riferiment pendenti għal-liberalizzazzjoni tal-**viża** inkluż billi tallinja mal-politika tal-UE dwar il-viżi, tindirizza l-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi u tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.
142. Il-Kunsill jieħu nota tal-implimentazzjoni kontinwa mill-Georgia tal-**Ftehim ta' Assoċjazzjoni** UE-Georgia inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.
143. Il-Kunsill jirriafferma l-appoġġ tal-UE għas-**sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali** tal-Georgia fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u jissottolinja li l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għar-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti u għall-politika tagħha ta' nonrikonoxximent u involviment, inkluż permezz tal-preżenza tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Georgia.
144. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-Georgia żżid sostanzjalment l-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-**PESK tal-UE** bħala kwistjoni ta' prijarità assoluta, inkluż dawk kontra r-Russja u l-Belarużja, u f'konformità mal-prinċipji tas-sovranià u l-integrità territorjali tal-istati kollha. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet tal-Georgia jżommu lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Georgia biex tkompli l-kooperazzjoni tagħha dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE.